**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Marzu, 2021**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 549/2019**

**Mare Blu Tuna Farm Limited**

**vs**

**Direttur Generali Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-4 ta' Gunju, 2019 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' ittra datata 7 ta' Awwissu 2018 l-intimat informa lir-rikorrenti li l-kwota ser tizdied u li ser issir allokazjoni ta' 3,764-il tunellata bejn l-operaturi lokali ta' Malta wara li ssir talba ad hoc, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A;

2. Illi permezz ta' ittra datata 13 ta' Awwissu 2018 l-intimat informa lir-rikorrenti li inghatat allokazjoni ta' unused EU farming capacity ta' 506.54-il tunellata unikament ghas-sena 2018, u peress li kif qal l-intimat this is a one time authorisation being granted by the Department over and above the input quota allocated from the national quota intalbet garanzija bankarja fl-ammont ta' €150,000 [mija u hamsin elf ewro] favur l-intimat, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B;

3. Illi permezz ta' ittra datata 13 ta' Awwissu 2018 ir-rikorrenti inghataw garanzija bankarja, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C fl-ammont ta' €150,000 [mija u hamsin elf ewro] favur l-intimat bhala
agreed pre liquidated damages in the event that the Fisheries laws or regulations are not observed in relation to caging of 506.54 tonnes of Bluefin Tuna from the unused EU Farming Capacity during 2018 Tuna Campaign which may become payable …

4. Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Frar 2019 l-intimat kiteb ittra, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. D fejn qal li
upon investigation carried out by the Department, it transpired that you have breached the Fisheries Laws and Regulations the Department has formally informed Bank of Valletta to withdraw the aforementioned amount of €150,000 from the said Bank Guarantee in its favour.

5. Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Frar 2019 ir-rikorrenti kitbu lill-intimat kopja hawn annessa u mmarkata Dok. E fejn talbu spjegazzjoni ghal liema ligi inkissret minnhom biex tigi zbankata l-garanzija bankarja;

6. Illi permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 2019 [1683/19] kopja hawn annessa u mmarkata Dok. F ir-rikorrenti interpella l-intimat ghar rifuzzjoni;

7. Illi permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 2019 [1824/191 kopja hawn annessa u mmarkata Dok. G, l-intimat irrespinga t-talba;

8. Illi ai termini tal-Art 469A l-eghmil amministrattiv tal-intimat ghandu jigi mistharreg jew dikjarat null, invalidu jew minghajr effett, ghaliex inter alia ai termini tas-subinciz (b) l-eghmil amministrattiv huwa ultra vires ghaliex ai termini tas-subinciz (ii) ma gewx osservati l-principji tal-Gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil peress li r-rikorrenti ma inghatax id-dritt li jaghmel jiddefendi il-posizzjoni tieghu billi wara li jigi spjegat lilu bl-allegat nuqqas jaghmel sottomissjonijiet jew minn tal-anqas jaghti r-ragunijiet tieghu, U ai termini tas-subinciz (iii) l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita pubblika billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew imssejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti peress li l-garanzija bankarja kienet esklusivament ghal caging of 506.54 tonnes of Bluefin Tuna;

9. Illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas id-danni imsejjsa fuq ir-responsabbilta tieghu;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti ma kisru l-ebda ligi inter alia tal-Art. 39(1) Reg. (EU) 1005/2008, Art. 58(1) tar-Reg. (EU) 1224/2009 u Art. 29(2) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimat abbuzivament u minghajr raguni valida gibed il-garanzija bankarja tar-rikorrenti;

3. Tiddikjara li l-intimat ghandu ihallas lir-rikorrenti l-ammont tal-garanzija bankarja jew somma verjuri;

4. Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand, l-ammont li ghandu jithallas lir-rikorrenti;

5. Tiddikjara li l-intimat ikkawza danni lir-rikorrenti minhabba l-agir abbuziv tieghu;

6. Tillikwida l-ammont ta' danni kkawzati lir-rikorrenti, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand;

7. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont tal-garanzija bankarja jew somma verjuri;

8. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti d-danni likwidati;

Bl-ispejjez kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali li tghid hekk:

Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi in linea preliminari l-esponent jeccepixxi l-inapplikabilita tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-att in kwistjoni ma jikkostitwixxix 'eghmil amministrattiv' kif definit fl-Artikolu 469A stess. Isegwi ghalhekk li l-validita o meno tal-agir illi qeghdha tilmenta minnu s-socjeta attrici ma jistax jigi mistharreg taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti dikjarati mis-socjeta attrici qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati;

3. Illi l-esponenti jeccepixxu illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi l-garanzija bankarja in kwistjoni kienet intiza sabiex tkopri il-perjodu illi jibda minn meta t-tonn in kwistjoni jiddahhal fil-gagga sal-mument li jigi harvested jew sal-15 ta' Frar 2019 skont liema data kienet tigi l-ahhar. Fir-rigward ta' dan il-perjodu kollu, is-socjeta attrici accettat li l-esponent jirtira l-garanzija bankarja f'kaz li jirrizulta illi is-socjeta attrici naqset milli tosserva il-ligijiet u r-regolamenti relatati mas-Sajd kollha vigenti;

5. Illi l-esponent jeccepixxi illi a kuntrarju ta' dak allegat fir-rikors in risposta, l-operat tas-socjeta attrici ma kienx in linea mal-ligijiet u regolamenti applikabbli u dan kif gie spjegat lis-socjeta attrici mill-esponent fl-ittra tieghu tal-15 ta' Frar 2019 u kien ghalhekk li l-garanzija bankarja giet irtirata mill-esponent;

6. Illi l-esponent kien informa lis-socjeta attrici bin-nuqqasijiet illi hi kellha fir-rigward u ta spjegazzjoni dettaljata bizzejjed tar-ragunijiet ghalfejn l-imsemmija garanzija bankarja giet irtirata;

7. Illi in kwantu r-rimedju imfittex mis-socjeta attrici, l-esponent jeccepixxi illi din il-Qorti ma tistax taghti r-rimedju mfittex minnha u dan peress illi f'kawza ta' stharrig gudizzjarju il-Qorti hija prekluza milli tiehu decizjoni minflok l-Awtorita kompetenti izda s-setgha taghha hija limitata biex jekk ikun il-kaz tordna li thassar id-decizjoni in kwistjoni u tibghat kollox biex jerga' jigi deciz mill-gdid mill-awtorita kompetenti, f'dan

il-kaz l-esponent, biex jaghti decizjoni taghha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;

8. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent jeccepixxi wkoll illi certament li hu ma agixxiex in malafede jew b'mod mhux ragjonevoli u ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A(5) l-esponent ma jwiegeb ghall-ebda danni;

9. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi s-socjeta attrici trid tressaq prova tad-danni li sofrew, u kif ukoll tipprova n-ness mehtieg bejn l-azzjonijiet tal-esponent u d-danni li qeghdha titlob is-socjeta attrici;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tas-socjeta attrici kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra taghha.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li ma hemm ebda eghmil amministrattiv x'jigi kunsidrat ai termini tal-artikolu 469A.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici qed tikkontendi li l-konvenut zbanka garanzija bankarja li ghamlet is-socjeta attrici biex taghmel tajjeb ghal xi ksur ta' ligi jew regolamenti tas-sajd wara li l-istess socjeta inghatat zieda fil-kwota tal-qabda tat-tonn flimkien ma' operaturi ohra fl-istess qasam. Tikkoncedi li bl-izbank id-Direttur kiser l-artikolu 469A tal-Kap. 12 ghax l-eghmil amministrattiv kien ultra vires ghax ma gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali billi ma nghatax l-opportunita li jiddefendi ruhu u hu abbuz tas-setgha ta' awtorita pubblika ghax il-garanzija kienet tirreferi biss ghaz-zieda fil-qabda tat-tonn.

Il-konvenut qed isostni li l-kawza kif impostata ma tistax tissokta ghax ma hemm ebda eghmil amministrattiv x'jigi investigat billi l-garanzija bankarja mertu tal-kawza kienet tikkostitwixxi ftehim reciproku bejn il-partijiet lil hinn minn xi ligi jew regolament tas-sajd.

In materja legali l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Christine Borda vs Direttur (Taxxi Interni)**, PA 26/2015) dwar it-tifsira ta' eghmil amministrattiv:

> Illi l-artikolu 469A(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti tifsira ta' x'inhu l-'eghmil amministrattiv' li din il-Qorti tista' titsharreg f'kawza taht din il-procedura specjali. Il-ligi tfisser l-imsemmi 'eghmil' bhala "l-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'...". Jekk kemm-il darba ghemil ma jkunx jaqa' taht din it-tifsira, l-Qorti ma tistax tistharrgu taht dak l-artikolu f'azzjoni bhal din; Illi huwa stabilit ukoll li biex wiehed jista' jressaq azzjoni ta' stharrig gudizzjarju, jehtieg juri li kien hemm xi decizjoni jew rifjut ghal talba maghmula jew il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-decizjoni, ordni, licenza, permess jew warrant ma ssirx bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi hdan dik l-istess awtorita'. L-ghemil jista' jkun kemm fis-sura ta' decizjoni mgharrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub. Izda mhux kull kitba li tohrog minn hdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "decizjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun ghalqet kwestjoni jew ilment billi tghid li dik hija l-fehma ahharija tal-awtorita' pubblika li tkun ghall-ilment jew ghat-talba li jkunu sarulha (Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, App 03/04/2009);

Kunsidrati dawn it-tifsiriet, il-Qorti tqis li l-konvenut ma ghandux ragun li jqis li din il-kawza ma tirrigwardax eghmil amministrattiv. L-ittra tas-7 ta' Awwissu 2018 kienet stedina ghal ghoti ta' kwota ta' qabda ta' hut maghmula mil-konvenut u li bhala parti mil-kondizzjonijiet marbuta mal-ghotja kien hemm l-impozizzjoni ta' garanzija biex taghmel tajjeb ghal nuqqasijiet li seta' jaghmel l-accettant tal-offerta. Din fiha nfisha ma kinitx ftehim imma koncessjoni li maghha kellha marbuta garanzija ghal danni pre likwidati. B'zieda ma' dan il-garanzija li ittiehdet mill-konvenut unilateralment kienet l-effett tad-decizjoni amministrattiva definittiva mehuda minnu li s-socjeta attrici naqset mil-obbligi taghha fil-ligi. L-argument tal-konvenut li l-garanzija kienet patt kontrattwali estraneju ghall-oggett li ghalih saret tal-garanzija ma jreggix. It-tehid tal-garanzija ma kien ikollha ebda effett li kieku l-konvenut ma wettaqx id-diskrezzjoni attribwita lilu li jqis li s-socjeta attrici kienet ivvjolat l-obbligi taghha skont il-ligi u fejn l-arbitru ghal tali vjolazzjoni ma kien hadd ghajr il-konvenut.

Din il-konkluzjoni bl-ebda mod ma tinvesti l-allegazzjoniijiet fil-mertu tas-socjeta attrici li saret vjolazzjoni fil-konfront tieghu a bazi tal-artikolu 469A u konsegwentement sofra danni imma biss illi t-tehid tal-garanzija kienet biss l-effett tal-eghmil amministrattiv stante li allegatament is-socjeta attrici kisret l-obligi taghha skont il-ligi. Il-mertu ghal tali tehid tal-garanzija ghadu jrid jigi kunsidrat mill-Qorti fl-

istadju wara l-gbir tal-provi kollha. Ghalkemm fit-talbiet ma hemmx talba ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikolu 469A dan johrog car mill-premessi u t-talbiet ghad-danni, konsegwenti ghal pretensjoni li ma saret ebda vjolazzjoni tal-ligi liema talba hi ammissibbli taht l-artikolu 469A.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, spejjez ghall-konvenut.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur